MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2003

Numru 889/1999

Il-Pulizija
(Sp Louise Vella)
vs
Anthony Vella, iben George,
imwieled Marsa fit-3 ta' ottubru, 1967

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fil-15 ta' diċembru, 1999, għal ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, ġewwa Ħad-Attard –
Ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Josianne Vella, kif iċċertifikat minn Dr. Vella Baldacchino ta' l-Isptar San Luqa, liema feriti jieħdu aktar minn tletin ġurnata biex ifiequ u ferita minnhom ser iġġib sfreġju gravi permanenti fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-istess martu Josianne Vella.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' diċembru, 2001 fejn l-Avukat Ġenerali ddikjara li wara li ra l-atti tal-

kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' jinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(ċ)(d) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 218 tal-kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċeidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' frar, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b) u 218 tal-Kodiċi Kriminali.
Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin
mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------